

Insostenn ta' dan il-motiv ir-rikorrent isostni dan li ġej: l-ewwel nett, li l-elementi li jiġġustifikaw estensjoni tal-ftugħ ta' investigazzjoni dwar għajnuna mill-Istat huma manifestament assenti f'dan il-każ; it-tieni nett, li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' fatt meta ddeċidiet li d-deċiżjonijiet tat-taxxa jagħtu vantaġġ; it-tielet nett, li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' fatt meta ddeċidiet li d-deċiżjonijiet dwar it-taxxa huma selettivi; ir-raba' nett, li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' fatt meta ddeċidiet li d-deċiżjonijiet dwar it-taxxa jistgħu jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni u/jew ikollhom effett fuq il-kummerċ intra-Komunitarju; u l-ħames nett, li d-deċiżjoni kkontestata ma hijex immotivata.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn żball ta' liġi sa fejn id-direzzjoni inizjali tal-investigazzjoni inbidlet u sa fejn il-proċedura tal-att dwar id-dħul mill-bejgħ ġiet "estiża" b'mod artifiċjali għad-deċiżjonijiet.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2016 – QD vs EUIPO

(Kawża T-787/16)

(2017/C 022/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: QD (Alicante, Spanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenuta: l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-EUIPO tal-4 ta' Marzu 2016 li ma tadottax deċiżjoni definittiva dwar it-talba tar-rikorrenti tad-19 ta' Jannar 2016 għat-tieni tiġdid tal-kuntratt tagħha konkluż taħt l-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-Kondizzjonijiet tal-impjeg) u li tiddiferixxi t-teħid ta' deċiżjoni definittiva dwar it-talba tar-rikorrenti tad-19 ta' Jannar 2016 għat-tieni tiġdid tal-kuntratt tagħha konkluż taħt l-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg għal "proċedura speċifika" fil-ġejjieni; u
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-EUIPO kiser id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg, b'mod partikolari l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal (moqri flimkien mal-Artikolu 46 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg), l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikoli 2, 8 u 53 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg, u l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-P
 2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur, min-naħa tal-EUIPO, tad-dover fiduċjarju tiegħu;
 3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-EUIPO kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba (Artikolu 41(1), Artikolu 41(2) u (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
 4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-EUIPO wettaq użu ħażin ta' poter.
-